`

maltarightnow.com

# Il-festa ta' Santa Marija

*8/15/2011 4:09:35 PM*
*Awtur:*




Jum Santa Marija beda bid-daqq festiv tal-qniepen fi 11-il-parroċċa madwar Malta u Għawdex hekk kif f'temp sħun tipiku tas-sajf Malti eluf ta' devoti irħewla lejn il-parroċċi rispettivi biex isegwi il-pontifikal tal-festa.

Fi knejjes u santwarji tradizzjonalment imżejna bid-damask tal-festa u bl-aqwa armar, quddiem il-vari ta' Santa Marija, Isqfijiet u reliġjużi oħrajn fakkru lill-dawk li attendew fil-valur reliġjuz li ġġib magħha il-festa ta' Santa Marija.

Fl-Imqabba l-Isqof Emeritu Ġużeppi Mercieca fakkar li Maria qegħda fil-ġenna fir-ruħ u bil-ġisem, u li dan huwa twemmin tal-Insara. Fil-Fatt, kien f'Novembru tal 1950 li l-Papa Piu X1 iddikjara dan bħala fatt permezz ta' Domma tal-Fidi.

Wara l-quddiesa l-parruċċani komplew jiċċelebraw permezz tal-marċi brijjużi fit-toroq tal-lokalitajiet differenti. Filwaqt li uħud mxew mall-banda u oħrajn marru jbiddlu malajr biex jingħaqdu mall-marċ, taħt xemx tiżreġ, mijiet ta' bandisti bdew idoqqu l-marċi brijjużi filwaqt li l-volontarji tal-każini ħejjew għall-aħħar darba din is-sena, l-oġġetti varji li jintużaw għall-briju waqt il-marċ.

Dan kollu fl-isfond tal-ħsejjes tal-murtali li jfakkru r-residenti tal-inħawi li llum huwa jum ta' festa.

Fil-fatt huwa diffiċli li wieħed jinsa li t-Tnejn kienet il-festa. Hija biżżejjed titwila minn fuq il-bejt biex tilmaħ numru ta' bnadar fuq diversi bjut. Illum id-dilettanti itellgħu l-isbaħ bandiera li tkompli ssaħħaħ l-atmosfera ta' festa.

Din il-festa tiġi ċċelebrata fir-Rabat Għawdex, fl-Imqabba, l-Qrendi, il-Gudja, Ħal-Għaxaq, Ħ'Attard, il-Mosta u fil-parroċċa l-qadima ta' Birkirkara. Santa Maria tiġi ċċelebrata wkoll il-Ħadd li ġej fl-Imġarr, Had-Dingli u ż-Żebbuġ Għawdex.

Il-festa ta' Santa Marija tiġi fi tmiema permezz tal-purċissjoni bil-vara filwaqt li tard bil-lejl, wara li jkunu ingħataw l-aħħar murtali u ndaqqu l-aħħar noti, huma bosta dawk li qabel jorqdu jippreparaw il-malja għax-xalata tradizzjonali.

Segwi il-filmat fuq youtube:http: //youtu.be/Jboui9NfPL4

---

© 2004 - Media.Link Communications Co. Ltd - www.maltarightnow.com

PDF Created with deskPDF PDF Writer - Trial :: http://www.docudesk.com